**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D.**

**Appell Nru: 110/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

Antonio Briffa

Illum 15 ta' Gunju, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antonio Briffa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 402078M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Ottubru, 2016, fil-gzejjer Maltin:

1. Naqas li jaghti lil Samantha Briffa s-somma ta' 250 Ewro, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu jew martu, fi zmien hmistax –il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti, sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Antonio Briffa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernati l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant, u minflok tinfliggi piena iktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Antonio Briffa huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-appellant umilment jissottometti li minhabba l-kundizzjoni mentali li jinsab fiha attwalment, in konsegwenza tan-nuqqas tieghu li jkun jista' jara lil ibnu, wasslitu fi stadju li mhux fil-possibilita' li jhallas manteniment;

Illi konsegwentement, l-appellant umilment izid li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b'xi forma ta' kapricc, jew sabiex jipprova jahrab mill-obbligi tieghu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li ghaddej minnhom l-appellant.

Illi barra minn hekk, l-appellant qieghed attwalment taht arrest preventiv fuq incident li origina mill-istess fatti, *ossia* min-nuqqas tieghu li jara lil ibnu li eventwalment skala ghal incident ferm serju.

Illi sakemm l-appellant idum taht arrest preventiv, huwa mhux fil-pozizzjoni li jahdem, u jzid jissottometti li jekk *oltre* dan, jintbaghat xahar detenzjoni, l-pozizzjoni finanzjarja tieghu ser tkompli tiggrava;

Illi l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena nflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata, u li r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tipprekludieh milli jhallas il-manteniment dovut, u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2018 dehret il-parte civile li nfurmat lill-Qorti li sehh kuntratt ta' separazzjoni u li ma ghandhiex aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Antonio Briffa u tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena karcerarja tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.

Antonio Mizzi

Imhallef